



20 RAPPORT 17 ANNWALI

PANORAMA
TAS-SENA



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Ġustizzja
tal-Unjoni Ewropea:
Garanti tal-ħarsien
tad-dritt tal-Unjoni għal
500 miljun ċittadin.

curia.europa.eu



20 RAPPORT
17 ANNWALI
PANORAMA
TAS-SENA

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-awtorità ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha bħala missjoni li tiggarantixxi l-osservanza tad-dritt Ewropew billi tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati. L-istituzzjoni taħdem sabiex jinżammu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew bis-sentenzi tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta minn żewġt iqrati: il-“Qorti tal-Ġustizzja” u l-“Qorti Ġenerali”.

Werrej

Prefazju tal-president	5
-------------------------------------	---

1/ Is-sena 2017 Mad-daqqa t'għajn	
A. Sena f'ritratti	7
B. Sena f'ċifri	14


2/ L-attività ġudizzjarja	
A. Harsa lura lejn is-sentenzi prinċipali tas-sena	17
B. Iċ-ċifri bażiċi tal-attività ġudizzjarja	36

3/ Sena ta' ftuħ u ta' kuntatti	
A. L-avvenimenti importanti	41
B. Iċ-ċifri bażiċi	46

4/ Amministrazzjoni li taqdi l-ġustizzja	
A. Amministrazzjoni funzjonali, moderna u multilingwi	49
B. Ċifri u proġetti	51

5/ Ħarsa lejn il-futur	56
-------------------------------------	----

6/ Ibqgħu konnessi !	58
-----------------------------------	----



“Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tkopri iktar u iktar oqsma mifruxa skont il-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini”.



PREFAZJU TAL-PRESIDENT

Għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni bħall-Istati Membri, l-2017 kienet l-okkażjoni biex jiġi ċelebrat is-60 anniversarju tal-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea laqqgħet fil-Lussemburgu l-presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri fuq it-tema tan-network tal-ġustizzja Ewropea.

Huwa f'dan il-kuntest li f'April 2017, in-"Network Ġudizzjarju tal-UE" (RJUE) inholq taħt il-patroċinju tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali favur ġustizzja Ewropea ta' kwalità. Il-pjattaforma multilingwi b'hekk stabbilita tfittex li tgħin konozzenza reċiproka tal-ġurisprudenza tal-Unjoni u ta' dik tal-Istati Membri u li ssaħħaħ id-djalogu bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali. Dan id-djalogu, li jeżisti sa mit-Trattati fundaturi permezz tal-proċedura tar-rinviju preliminari, il-fundament tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, issa qed jara estensjoni iktar informali permezz tar-RJUE.

Mill-aspett ġudizzjarju, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat diversi sentenzi li jolqtu direttament il-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini. Wieheċ jista' b'mod partikolari jsemmi s-sentenzi dwar l-ilbies tal-velu Iżlamiku fuq il-post tax-xogħol, dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, dwar is-servizz Uber Pop, dwar il-politika tal-imigrazzjoni kif

ukoll dwar il-prova tan-natura difettuża ta' vaċċin. Dawn is-sentenzi kollha juru fost ħafna oħrajn li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma baqgħetx marbuta mal-qasam ekonomiku biss, imma tkopri iktar u iktar oqsma mifruxa skont il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

F'dak li jirrigwarda l-istatistika, tressaq numru rekord ta' 1 656 kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja waħedha rċeviet mhux inqas minn 739 kawża, li minnhom 533 kienu talba għal domanda preliminari. Jekk wieheċ ineħħi madwar 40 kawża li jirrigwardaw id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru fil-każ ta' tħassir jew dewmien kbir ta' titjira, l-istatistika turi bilanċ bejn il-kawżi mressqa (739) u l-kawżi magħluqa (699) matul is-sena 2017. Il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, żiedet il-produttività tagħha b'madwar 20 % meta mqabbla mal-2016 (895 kawża magħluqa) filwaqt li kompliet tnaqqas sostanzjalment it-tul medju tat-trattament tal-kawżi (madwar 16-il xahar, jew 40 % imqas milli fl-2013).

F'Ottubru 2017, il-Fondazzjoni "Princesse des Asturies" tat lill-Unjoni Ewropea l-premjum tal-Konkordja għall-"mudell uniku ta' integrazzjoni supranazzjonali" tiegħu. Dan il-premjum, meqjus li huwa l-ekwivalenti tal-Premju Nobel fid-dinja Ispanika, huwa intiż li jirrikonoxxi l-kontribut tal-Unjoni u tal-istituzzjonijiet tiegħu għall-preżervazzjoni tal-paċi u għad-diffużjoni universali ta' valuri bħal-libertà, id-drittijiet tal-bniedem u s-solidarjetà. F'kuntest dinji li għadu mmarkat bit-terroriżmu, bil-kriżi migratorja u bl-iżolament minn persuni differenti, il-fondazzjoni tfakkar lil dawk kollha li jaħdmu u jistinkaw għall-Ewropea l-bżonn li jiddedikaw lil dawn il-valuri fundaturi impenn bla riżervi sabiex tiġi evitata r-repetizzjoni tat-traġedja tat-tieni gwerra dinjija u titwassal il-paċi u l-prosperità lill-popli tal-kontinent Ewropew.

Koen **LENAERTS**
President tal-Qorti
tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea



7

**Is-sena
2017**

MAD-DAQQA T'GĦAJN




SENA F'RITRATTI

Jannar

11 ta' Jannar

Konferenza ta' kommemorazzjoni tal-10 anniversarju tal-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

Il-Bulgarija u r-Rumanija uffiċjalment saru membri tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 fil-kuntest tal-ħames tkabbir tal-UE. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkommemorat dan l-anniversarju permezz ta' konferenza li fiha pparteċipaw numru ta' personalitajiet barranin kif ukoll il-membri tal-qradi u tal-persunal.



31 ta' Jannar

Sentenza *Lounani*

L-applikazzjoni għal ażil ta' persuna li pparteċipat fl-attivitajiet ta' netwerk terroristiku tista' tiġi miċħuda, anki jekk hija ma tkunx personalment wettqet atti ta' terroriżmu, u lanqas kienet l-istigatriċi jew ma tkunx ipparteċipat fit-twettiq tagħhom (C-573/14).

(ara l-paġna 17)




Frar

1 ta' Frar

Ftuħ tal-mostra "Between Shade and Darkness: id-destin tal- Lhud tal-Lussemburgu mill-1940 sal-1945".

Sabiex tiġi ċelebrata l-ġurnata internazzjonali ddedikata min-Nazzjonijiet Uniti għall-memorja tal-Olokawst, il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' mostra, ideata mill-Mużew Nazzjonali tar-Reżistenza ta' Esch-sur-Alzette (il-Lussemburgu), li tiffoka fuq id-destin tal-komunitajiet Lhud tal-Lussemburgu taħt l-okkupazzjoni Nazzista, it-tkeċċija tal-Lhud mill-pajjiż u d-deportazzjoni lejn il-getto u l-kampijiet ta' konċentrament u ta' sterminju.



9 ta' Frar

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża IR

Tista' organizzazzjoni Kattolika tkeċċi ħaddiem, li jkollu rwol ta' amministratur, minħabba t-tieni żwieġ tiegħu wara d-divorzju tiegħu (C-68/17) ?

9 ta' Frar

Trasferiment uffiċjali ta' "L'Erma di Socrate"

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirċievi skultura tal-kollezzjoni Farnese, imsellfa mill-Mużew Arkeoloġiku Nazzjonali ta' Napoli. Ir-replika tat-tielet seklu W.K. tal-istatwa oriġinali tal-bronż tal-aħħar tar-raba' seklu Q. K. għandha iskrizzjoni ta' frażi ta' Sokrate meħuda mill-"Krito" ta' Platun: "Minn dejjem, jien niġi konvint biss mir-raġunament li skont il-mod tiegħi ta' ħsieb jidherli l-aħjar". Din il-frażi tissimbolizza l-libertà assoluta tal-ħsieb tal-filosfu, indipendenti minn kull kundizzjonament ħlief minn dak tal-osservanza tal-liġi, li huwa juri billi jaċċetta li jmut sabiex ma jiksirx il-liġijiet tal-belt, minkejja l-inġustizzja tagħhom.



14 ta' Marzu

Sentenzi *G4S Secure Solutions* u *Boungaoui* u *ADDH*

Impriża tista' tipprojbixxi lill-impjegati tagħha li jkollhom kuntatt dirett mal-klijenti milli jilbsu, b'mod li jidher, **kull sinjal politiku, filosofiku jew reliġjuż**, bil-kundizzjoni li din il-projbizzjoni tkun ibbażata fuq politika interna koerenti, sistematika u espressa f'regolament tax-xogħol. (C-157/15) u (C-188/15) [\(ara l-paġna 22\)](#)

15 ta' Marzu u 14 ta' Settembru

Membri ġodda fil-Qorti tal-Awdituri u fil-Kummissjoni

Fil-15 ta' Marzu, membru tal-Qorti tal-Awdituri, Juhan Parts (Estonja), jieħu l-impenn solenni previst mit-Trattati.

Fil-14 ta' Settembru, membru ieħor tal-Qorti tal-Awdituri, Ildikó Gáll-Pelcz (Ungerija), jieħu l-istess ġurament, kif ukoll il-Kummissarju Ewropew, Mariya Gabriel (Bulgarija), responsabbli għall-portafoll "Ekonomija u Soċjetà diġitali".

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri u tal-kummissjoni jimpenjaw ruħhom, matul udjenza solenni li tinżamm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li josservaw l-obbligi li jirriżultaw mill-funzjonijiet tagħhom.



27 ta' Marzu

Forum tal-Membri tal-ġudikatura u s-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma

Il-Qorti tal-Ġustizzja tistieden lill-presidenti tal-qorti kostituzzjonali u supremi nazzjonali. L-għan huwa l-promozzjoni ta' ġustizzja Ewropea konkreta f'network u li jiġi enfasizzat il-kontribut tal-qorti nazzjonali — l-ewwel li jintalbu japplikaw id-dritt tal-Unjoni — matul dawn is-60 sena ta' kooperazzjoni Ewropea. [\(ara l-paġna 41\)](#)



15 u 22 ta' April

Żjara uffiċjali fl-Istati Uniti

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tmur l-Istati Uniti fil-kuntest tal-"Luxembourg Forum 2017" sabiex tkompli d-djalogu mibdi 20 sena ilu mal-omologi Amerikani tagħhom. [\(ara l-paġna 43\)](#)



Mejju

4 ta' Mejju

Sentenza *Pešková u Peška*

Il-ħabta bejn ajruplan u għasfur tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja li tista' teżenta t-trasportatur tal-ajru mill-obbligu tiegħu ta' kumpens fil-każ ta' **dewmien kbir tat-titjira** (C-315/15). [\(ara l-paġna 19\)](#)

21 u 24 ta' Mejju

Żjara uffiċjali fil-Finlandja

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tmur il-Finlandja sabiex tiltaqa' mal-membri tal-Qorti Suprema, tal-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Helsinki, tal-Aġenzija Ewropea għall-Prodotti Kimiċi, tal-Qorti Amministrattiva Suprema, kif ukoll mal-President tar-Repubblika tal-Finlandja, Sauli Niinistö.



24 u 28 ta' Mejju

Żjara uffiċjali fl-Italja

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tmur l-Italja fuq żjara uffiċjali li matulha tiltaqa' mal-Membri tal-Qorti Kostituzzjonali, tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, tal-Kunsill tal-Istat, tal-Kunsill tal-Presidenza tal-Ġustizzja Amministrattiva, tal-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni, kif ukoll mal-President tal-Repubblika Taljana, Sergio Mattarella.



Ġunju

8 ta' Ġunju

Dħul fil-kariga ta' Mħallef ġdid tal-Qorti Ġenerali

Fil-kuntest tat-tieni fażi tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-istituzzjoni, **Colm Mac Eochaidh** (l-Irlanda) jjiehu l-ġurament u b'hekk in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jitla' għal 45.



11 sat-13 ta' Ġunju

Żjara ta' delegazzjoni tal-Qorti Ġenerali għand il-Qrati Supremi tal-Iskozja (Edinburgh).

Fil-kuntest tal-approfondiment tal-kooperazzjoni mal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri, delegazzjoni tal-Qorti Ġenerali tmur l-Iskozja, fuq żjara għand il-Court of Session u għand il-High Court of justiciary (Edinburgh).



21 ta' Awwissu**Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *Google***

Il-Kunsill tal-Istat Franċiż jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja liema hija l-portata territorjali tal-obbligu li wieħed ineħħi d-data personali (C-507/17).

**4 ta' Ottubru****Dħul fil-kariga ta' Mhallel ġdid tal-Qorti Ġenerali**

Tkomplija tat-tieni fażi tar-riforma: ġurament ta' **Geert De Baere** (il-Belġju). In-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jitle' għal 46.

**16 ta' Ottubru****Żjara uffiċjali għand il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Fil-kuntest tal-kooperazzjoni tagħhom li liha żmien twil, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jiltaqgħu kull sena fil-Lussemburgu jew fi Strasbourg sabiex jaqsmu l-veduti tagħhom fuq l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. Din is-sena, delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, komposta mill-President, mill-Viċi President u minn 19-il membru, imorru Strasbourg sabiex jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' xogħol ma' membri tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**26 ta' Ottubru****Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *Blaise et***

Il-kawża tirrigwarda l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-**Glyfosat** u tqajjem il-kwistjoni tal-affidabbiltà u tal-imparzjalità tal-proċedura ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni (C-616/17).

Novembru Diċembru

27 ta' Novembru

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *M. A. et*

Il-High Court (l-Irlanda) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkjarifika l-konsegwenzi tal-**Brexit** fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal ażil (C-661/17).

1 ta' Diċembru


Konferenza k commemorattiva tal-100 anniversarju tal-indipendenza tal-Finlandja

Id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Finlandja ġiet adottata mill-Parlament Finlandiż fis-6 ta' Diċembru 1917. Sabiex jiċċelebraw dan il-100 anniversarju, il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jistiednu diversi personalitajiet għolja u l-membri tal-persunal Finlandiżi sabiex jipparteċipaw f'konferenza fl-Awla Manja.

7 ta' Diċembru

Ftuħ tal-mostra "Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-akkwarelli ta' Noëlle Herrenschmidt"

Fl-okkażjoni tad-dehra tal-Atti tal-Forum "In-Network Ġudizzjarju Ewropew, indiċi ta' ġustizzja ta' kwalità", is-sala ta' Pas Perdus tal-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' espożizzjoni tal-akkwarellista-reporter Franċiża, Noëlle Herrenschmidt, li eżegwixxiet serje ta' akkwarelli matul il-forum tal-Membri tal-Ġudikatura fis-27 ta' Marzu, fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma. [\(ara l-paġna 41\)](#)



14 ta' Diċembru

Tressiq quddiem il-Qorti Ġenerali tal-kawża Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni

Il-Lussemburgu jitlob lill-Qorti Ġenerali jagħti deċiżjoni fuq ir-*Ruling* fiskali li adotta favur **Amazon** (T-816/17).



20 ta' Diċembru

Sentenza *Asociación Profesional Elite Taxi*

Is-servizz li bih jitqabbd u xufiera mhux professjonisti pprovdut minn **Uber** jaqa' taħt is-servizzi fil-qasam tat-trasport u Stat Membru jista' jissuġġettah għal liċenzja (C-434/15). [\(ara l-paġna 24\)](#)





B SENA F'ĊIFRI

BAĠIT 2017 TAL-ISTITUZZJONI

EUR **399**
MILJUN

Fuq livell statistiku, is-sena 2017 rat attività ġudizzjarja intensa ħafna. In-numru globali ta' kawżi mressqa fl-2017 (1 656 kawża) kien ftit inqas minn dak tal-2016, in-numru ta' kawżi magħluqa fl-2017 baqa' f'livell għoli (1 594 kawża).

Dan il-volum ta' xogħol issarraff ukoll fl-attività tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu ta' kuljum is-sostenn tagħhom lill-qrati.

75
IMĦALLEF

11-il
AVUKAT ĠENERALI

2 174

40 % Raġel
850

60 % Mara
1 324

minn 28 Stat Membru

uffiċjal u membru tal-persunal

Is-sena ġudizzjarja (iż-żewġt iqrati inklużi)

1 656

kawża mressqa

1 594

kawża maqtugħa

154 336

dokument proċedurali mniżżel
fir-reġistri

Tul medju tal-proċeduri:



16.34 xahar

Il-Qorti tal-Ġustizzja 16.4 xhur
Il-Qorti Ġenerali 16.3 xhur

Perċentwali tal-atti ppreżentati permezz ta' e-Curia:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: **73 %**
Il-Qorti Ġenerali: **83 %**

Numru ta' kontijiet ta'
aċċess għal e-Curia **4 354**

Numru ta' Stati Membri
li jużaw e-Curia **28**



2 801

komunikazzjoni
ġudizzjarja
ppubblikata
f'Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

Id-dipartimenti lingwistiċi

Il-Qorti tal-Ġustizzja, istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun liema tkun il-lingwa uffiċjali li biha tkun tressqet. Hija wara tiżgura t-tixrid tal-ġurisprudenza tagħha fil-lingwi kollha.

24

lingwa proċedurali potenzjali, jew 552 kombinazzjoni lingwistika possibbli

609

"ġuristi lingwisti" sabiex jittrađu d-dokumenti miktuba

23

diviżjoni lingwistika



1 135 000

paġna prodotta mid-dipartiment tat-traduzzjoni

Tnaqqis tal-bżonn ta' traduzzjoni fl-2017 (miżuri ta' ekonomija interna) paġni

410 000

Numru ta' paġni għat-traduzzjoni

1 115 000



696

seduta u laqgħa li użaw l-interpretazzjoni simultanja



74

Interpretu għas-seduti ta' trattazzjoni u għal-laqgħat

Djalogu u skambji



2 228

membru tal-ġudikatura nazzjonali li ntlaqa' fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' seminarji, taħriġ, żjarat u stage



Madwar

20 000

viżitatur li ntlaqa' fil-Qorti tal-Ġustizzja

- professionist legali
- ġurnalist
- student
- ċittadin



72

avveniment protokollari



2 / L-attività ġudizzjarja

A

PARSA LURA LEJN IS-SENTENZI PRINCIPALI TAS-SENA

Id-drittijiet u l-obbligi tal- migranti

Sa mill-2015, l-Ewropa kellha taffaċċja kriżi migratorja kbira li qajmet numru ta' kwistjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet diversi drabi teżamina kawżi dwar applikazzjonijiet għal ažił u l-proċedura tagħhom.




Fuq talba ta' qorti Belġjana, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri mhumiex marbuta li jagħtu **viża umanitarja** lill-persuni li jkunu jixtiequ sussegwentement iressqu **applikazzjoni għal ažił**. Id-dritt tal-Unjoni jipprevedi li possibbiltà li tingħata viża għal żmien qasir (ta' mhux iktar minn 90 ġurnata) għal raġunijiet umanitarji. Għaldaqstant, l-applikazzjoni għal viżi mressqa fl-ambaxxata Belġjana ta' Bejrut (il-Libanu) minn familja Sirjana bil-ħsieb li tmur il-Belġju sabiex titlob ažił u b'hekk tirisjedji għal perijodu ta' iktar minn 90 ġurnata, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jagħtu dawn il-viżi taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.

→ **sentenza X u X tas-7 ta' Marzu 2017, C-638/16 PPU**

F'kawża oħra mill-Belġju, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li applikazzjoni għal ažił tista' tiġi miċħuda jekk l-applikant ikun ipparteċipa fl-**attivitajiet ta' netwerk terrorista**. L-applikant għal ažił m'għandux neċessarjament ikun wettaq personalment atti ta' terroriżmu u lanqas li jkun l-istigatur jew li jkun ħa sehem fit-twettiq tagħhom. F'dan il-każ, l-applikant għal ažił kien ġie kkundannat, fil-Belġju, għal piena ta' priġunerija talli pparteċipa f'attivitajiet taċ-ċellula Belġjana tal-"grupp Iżlamiku tal-ġellieda Marokkini". Huwa kien ħa sehem attivament fl-organizzazzjoni ta' fergħa li kienet tibgħat volontari fl-Irak u kien għadda bi frodi xi passaporti.

→ **sentenza Lounani tal-31 ta' Jannar 2017, C-573/14**



Id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi wkoll regoli dwar it-tqassim bejn l-Istati Membri tar-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal ažił (ir-Regolament “Dublin III”).

Fil-kuntest tal-kriżi migratorja tal-2015/2016, numru kbir ta' migranti qasmu l-fruntieri tal-Unjoni mill-Kroazja li minħabba f'hekk organizzat it-tranżitu tagħhom lejn Stati Membri oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, anki fil-każ ta' fluss kbir ta' migranti, l-Istat Membru tal-ewwel dħul fl-Unjoni Ewropea jibqa' responsabbli għall-**eżami tal-applikazzjonijiet għal ažił** imressqa sussegwentement fl-Istati Membri l-oħra. Anki jekk dan l-Istat Membru jkun organizza t-tranżitu tal-migranti fit-territorju tiegħu lejn Stat Membru ieħor, il-qsim tal-fruntiera esterna tiegħu tikkostitwixxi l-ewwel qsim irregolari ta' fruntiera esterna ta' Stat Membru.

→ **sentenzi A.S. u Jafari tas-26 ta' Lulju 2017, C-490/16 u C-646/16**

Ir-Regolament Dublin III jipprevedi termini li jfittxu li jħaffu l-proċedura ta' applikazzjoni għal ažił, u dan għall-benefiċċju tal-applikant. B'hekk, Stat Membru li tkun saritlu applikazzjoni għal ažił u li jqis li Stat Membru ieħor ikun responsabbli għall-eżami tagħha għandu żmien tliet xhur sabiex jitlob lil dan l-Istat Membru l-ieħor jieħu lura l-applikant taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'dan il-mod iddeċidiet li applikant għal ažił jista' jinvoka fil-qrati li l-Istat Membru li fih huwa jkun talab l-ažił ikun sar responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu minħabba **l-iskadenza tat-terminu** inkwistjoni. Dan jgħodd iktar u iktar għat-terminu ta' sitt xhur li għandu Stat Membru sabiex **jitransferixxi l-applikant għal ažił** lejn Stat Membru ieħor wara li dan tal-aħħar ikun aċċetta li jieħdu lura. L-Istat Membru li ma jkunx eżegwixxa t-trasferiment tal-applikant għal ažił f'dan it-terminu jsir responsabbli għat-trattament tal-applikazzjoni għal ažił.

→ **sentenza Mengesteab tas-26 ta' Lulju 2017, C-670/16**

→ **sentenza Shiri tal-25 ta' Ottubru 2017, C-201/16**

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-validità tad-deċiżjoni dwar il-**kwoti tal-migranti**, adottata b'vot maġġoritarju mill-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill tal-UE f'Settembru 2015. Hija kienet intiża li tgħin lill-Italja u lill-Greċja sabiex jaffaċċjaw il-fluss kbir ta' migranti billi tirriloka 120 000 minnhom lejn Stati Membri oħra. Is-Slovakkja u l-Ungerija, li kienu vvotaw kontra din id-deċiżjoni, kienu talbu l-annullament tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kunsill kellu l-kompetenza jieħu miżura provviżorja bħal din sabiex jirreaġixxi b'manjiera effettiva u malajr għal din is-sitwazzjoni ta' emerġenza. Il-mekkaniżmu provviżorju ta' rilokazzjoni obbligatorju miftiehem jikkontribwixxi effettivament u b'mod proporzjonat sabiex il-Greċja u l-Italja jkun jistgħu jaffaċċjaw il-konsegwenzi tal-kriżi migratorja tal-2015. Għaldaqstant, ir-rikorsi tas-Slovakkja u tal-Ungerija ġew miċħuda.

→ **sentenza Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2017, Kawżi magħquda C-643/15 u C-647/15**



Il-protezzjoni tal-konsumaturi

L-Unjoni Ewropea tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi. Hija tippromwovi s-sigurtà tagħhom, tiggarantixxi l-applikazzjoni tar-regoli li jipproteġuhom u ttejjeb l-għarfien tad-drittijiet li huma għandhom. Fl-2017, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tippreċiżar, fi drabi differenti u f'diversi oqsma, il-portata tad-drittijiet tal-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea.



F'kawża li kienet tirrigwarda **l-ispiża tat-telefonati lejn dipartimenti ta' wara l-bejgħ**, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ispiża ta' telefonata lejn numru ta' assistenza operat minn professjonist ma tistax taqbeż l-ispiża ta' telefonata lejn linja telefonika normali, f'iswara mobbli.

→ **sentenza Centrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs Frankfurt am Main tat-2 ta' Marzu 2017, C-568/15**

Fl-2017, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet diversi drabi kwistjonijiet li kienu jikkonċernaw id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, tiggarantixxi li fil-każ ta' tħassir jew dewmien ta' mill-inqas tliet sigħat ta' titjira, it-trasportatur tal-ajru għandu jikkumpensa lill-passiġġieri. Min-naħa l-oħra, jekk it-tħassir jew id-dewmien tat-titjira jkun dovuti għal ċirkustanzi straordinarji li ma jkunux jistgħu jiġu evitati, it-trasportatur tal-ajru jista' jiġi eżentat mill-obbligu tiegħu li jikkumpensa lill-passiġġieri.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-**ħabta ta' ajruplan ma' għasfur** u l-kontrolli neċessarji li jirrużultaw minnha jistgħu jikkostitwixxu ċirkustanza straordinarja li tista' teżenta t-trasportatur tal-ajru mill-obbligu tiegħu ta' kumpens. Fil-fatt, kull rispostha differenti tkun tista' tħajjar



lill-kumpanniji tal-ajru jipprivileġġaw lill-puntwalità fuq is-sigurtà, ħaġa li tmur kontra l-għanijiet imfittxija mid-dritt tal-Unjoni.

→ [sentenza Pešková u Peška tal-4 ta' Mejju 2017, C-315/15](#)

Il-passiġġieri huma wkoll protetti fil-każ ta' **tħassir ta' titjira li sseħħ inqas minn ġimgħatejn qabel il-ġurnata tat-tluq**. Fil-fatt, it-trasportatur tal-ajru jkun marbut li jikkumpensa jekk ma jipprovax li l-passiġġier ikun ġie informat bit-tħassir tat-titjira ġimgħatejn qabel it-tluq previst. Dan jgħodd ukoll meta t-tħassir tat-titjira jkun ġie kkomunikat lill-aġenzija tal-ivvjaġġar fit-terminu previst u din ma tkunx ittrażmettiet l-informazzjoni lill-passiġġieri fi żmien ġimgħatejn. Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant fakkret li hemm il-possibbiltà għat-trasportatur tal-ajru li jitlob kumpens mingħand l-aġenzija tal-ivvjaġġar responsabbli għan-nuqqas, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli.

→ [sentenza Krijgsman tal-11 ta' Mejju 2017, C-302/16](#)

Fil-każ ta' dewmien ta' titjira ta' tliet sigħat jew iktar, il-passiġġieri għandhom dritt għal kumpens skont id-distanza mwettqa. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-**distanza li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni** sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-kumpens hija d-distanza diretta bejn l-ajruport tat-tluq u l-ajruport tal-wasla, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni waqfiet eventwali.

→ [sentenza Bossen et tas-7 ta' Settembru 2017, C-559/16](#)

Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet ukoll tagħti deċiżjoni fuq diversi kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi.

F'kawża mressqa quddiemha li fiha produttur ta' proteżijiet mammarji kien uża silikon industrijali mhux konformi mar-regoli ta' kwalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li organu inkarigat li jevalwa s-**sistema ta' kwalità tal-produttur** fil-kuntest taċ-ċertifikazzjoni CE ma jistax jinżamm responsabbli għar-raġuni li kellu jwettaq spezzjonijiet għal għarrieda, jikkontrolla d-dispożittivi mediċi u/jew jeżamina d-dokumenti kummerċjali tal-produttur. Madankollu, fil-preżenza ta' indizzji li juru nuqqas ta' konformità tal-prodott mar-regoli tal-kwalità, l-imsemmi organu huwa marbut li jieħu l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa tal-persuni.

→ [sentenza Schmitt tas-16 ta' Frar 2017, C-219/15](#)

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat sentenza tal-Qorti Ġenerali li qalet li l-Kummissjoni kienet ġustament ipprojbixxiet l-użu, minn Dextro Energy, ta' sloganijiet pubbliċitarji li juru **biss** fuq quddiem **l-effetti benefiċi tal-glukożju fuq is-saħħa** mingħajr ma jindikaw il-perikli marbuta mal-konsum żejjed taz-zokkor. Dawn l-allegazzjonijiet jistgħu għaldaqstant jitqiesu li huma ambigwi u qarrieqa għall-konsumatur.

→ [sentenza Dextro Energy vs Il-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2017, C-296/16 P](#)



Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni f'kawża li kienet tikkonċerna ċittadin Franċiż li kien ħa l-**vaċċin kontra l-epatite B** u li marad, wara li ħa l-vaċċin, bi sklerożi multipla li progressivament kienet wasslitu għal paraliżi u wara għall-mewt. Hija qieset li fl-assenza ta' kunsens xjentifiku, ir-responsabbiltà tal-vaċċin u r-rabta kawżali bejnu u l-marda jistgħu jiġu pprovati permezz ta' sensiela ta' indizzji gravi, preċiżi u konkordanti. Il-prossimità temporali bejn l-amministrazzjoni tal-vaċċin u s-seħħ ta' marda, l-assenza ta' preċedenti mediċi personali u familjari tal-persuna vaċċinata kif ukoll l-eżistenza ta' numru sinjifikattiv ta' każijiet ta' seħħ ta' din il-marda wara l-amministrazzjoni tal-vaċċin jistgħu jikkostitwixxu indizzji preċiżi, gravi u konkordanti.

→ **sentenza W et tal-21 ta' Ġunju 2017, C-621/15**





Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema

Id-dritt tal-Unjoni jiżgura t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol taċ-ċittadini Ewropej u jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema. B'mod partikolari, żewġ direttivi jiżguraw l-applikazzjoni, fl-Istati Membri kollha, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u jipprojbixxu, fil-qasam tal-impjieg, id-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Dawn id-direttivi, adottati fl-2000, jipprojbixxu kemm id-diskriminazzjoni diretta (trattament differenti ta' sitwazzjonijiet identiċi) kif ukoll id-diskriminazzjoni indiretta (trattament identiku ta' sitwazzjonijiet differenti li jwasslu għal żvantaġġ partikolari għal ċerta kategorija ta' persuni).

Mistoqsija fuq l-**ilbies tal-velu iżlamiku fuq il-post tax-xogħol**, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-projbizzjoni imposta fuq impjegati li jilbsu sinjali viżibbli tal-konvinzjonijiet politiċi, filosofiċi jew reliġjużi tagħhom mhijiex diskriminazzjoni diretta. Il-projbizzjoni lanqas ma tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta jekk jiġi stabbilit li l-persuna li timpjega, skont politika interna implimentata b'mod koerenti u sistematiku u mdaħħla f'regolament tax-xogħol, tkun trid tagħti dehra ta' newtralità mal-klijenti tagħha. Madankollu, fl-assenza ta' regola interna bħal din il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li r-rieda ta' persuna li timpjega li tissodisfa xewqa ta' klijent li ma jinqedhiex iktar minn ħaddiema li jilbsu velu iżlamiku ma tistax titqies li hija eżiġenza professjonali li teskludi l-eżistenza ta' diskriminazzjoni.

→ sentenzi G4S Secure Solutions u Bougnaoui u ADDH tal-14 ta' Marzu 2017, C-157/15 u C-188/15

Fil-Ġreċja, il-kandidati fil-kompetizzjonijiet għall-ammissjoni fl-iskola tal-pulizija għandhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti għall-eliġibbiltà, fosthom dak li jkun mill-inqas 1.70 metru. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan il-kriterju ta' tul minimu impost fuq il-kandidati kollha jaffettwa fir-realtà numru ħafna iktar ta' nisa milli rġiel, u b'hekk jikkostitwixxi **diskriminazzjoni indiretta bbażat fuq is-sess**. Minkejja l-għan leġittimu li tiġi żgurata n-natura operattiva tad-dipartimenti tal-pulizija, il-mezzi użati sabiex jintlaħaq dan il-għan huma sproporzjonati. Minħabba dan il-fatt, din id-diskriminazzjoni mhijiex ġustifikata u tmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

→ sentenza Kalliri tat-18 ta' Ottubru 2017, C-409/16

Fil-Ġermanja, il-kumpanija tal-ajru Lufthansa ma komplietx timpjega pilota meta huwa laħaq l-età ta' 65 sena għaliex skont ir-regolament Ewropew, huwa ma kellux iktar id-dritt li jsuq ajruplani kummerċjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-regolament kellu ċertament **diskriminazzjoni bbażata fuq l-età**, imma kien qed ifittex ukoll l-għan leġittimu li jiżgura s-sigurtà tat-traffiku tal-ajru. Barra minn hekk, il-miżuri meħuda (il-projbizzjoni imposta fuq il-piloti li jkunu laħqu l-età ta' 65 sena li jsuqu ajruplani kummerċjali) huma proporzjonati sa fejn il-projbizzjoni tikkonċerna biss it-trasport tal-ajru kummerċjali. Wara kolloxx, il-piloti ta' 65 sena jew iktar jistgħu jsuqu ajruplani waħedhom, ajruplani tat-trasport jew jipparteċipaw f'attivitajiet ta' taħriġ tal-piloti.

→ **sentenza Fries tal-5 ta' Lulju 2017, C-190/16**

Fl-aħħar nett, anki jekk il-kuntratti tax-xogħol bejn il-kumpanija tal-ajru Ryanair u l-persunal tagħha jindikaw il-qrati Irlandiżi bħala l-uniċi li għandhom ġurisdizzjoni fil-każ ta' tilwima, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni fuq **il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni**, l-impjegati jistgħu jressqu kawża quddiem qorti tal-post li minnu jwettqu l-parti l-kbira tal-obbligi tagħhom fil-konfront ta' Ryanair. Sabiex jiġi ddeterminat dan il-post, iċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, bħall-post li minnu l-impjegat iwettaq il-missjonijiet tiegħu, jirritorna mill-missjonijiet tiegħu, jirċievi l-istruzzjonijiet tiegħu jew jorganizza xogħlu, li jinkludi wkoll "il-post tax-xogħol", għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.


→ **sentenza Nogueira et tal-14 ta' Settembru 2017, Kawżi magħquda C-168/16 u C-169/16**





Il-preżervazzjoni tal-kompetizzjoni ħielsa u tas-suq intern

Minkejja li l-Unjoni tat lilha nnifisha kompetenzi ġodda matul is-snin, il-missjoni tagħha li tiżgura l-funzjonament tas-suq intern u l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni ħielsa għandha dejjem importanza partikolari. Fl-2017, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali setgħu jivverifikaw il-kompatibbiltà ta' diversi prattiki kummerċjali u fiskali mad-dritt tal-Unjoni.



F'kawża Spanjola, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li s-servizz ipprovdut minn **Uber**, li jikkonisti f'li jgħadd, permezz ta' pjattaforma online, xufiera mhux professjonisti li jwettqu servizzi ta' trasport ma' utenti, jikkostitwixxi **servizz ta' trasport** li jaqa' attwalment lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li għalhekk jista' jiġi rregolat mill-Istati Membri. Uber tista' għaldaqstant tkompli l-attività tagħha biss wara li tkun kisbet l-awtorizzazzjonijiet mitluba mill-awtoritajiet nazzjonali għall-provvista ta' servizzi ta' trasport ta' persuni.

→ **sentenza Asociación Profesional Elite Taxi tal-20 ta' Diċembru 2017, C-434/15**

Intel ikkontestat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet imponiet fuqha multa għall-ammont ta' EUR 1.06 biljuni għall-**abbuż tal-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tal-proċessuri x86**. Il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza kkontestata għar-raġuni li l-Qorti Ġenerali sempliċement stabbilixxiet li l-iskonti mogħtija minn Intel lill-produtturi prinċipali ta' kompjuterijiet jirrestrinġu bin-natura tagħhom il-kompetizzjoni, minflok ma eżaminat jekk dawn l-iskonti kinux effettivament jistgħu jeskludu l-kompetituri mis-suq. Il-Qorti Ġenerali issa għandha twettaq dan l-eżami u tagħti sentenza għida.

→ **sentenza Intel vs Il-Kummissjoni tas-6 ta' Settembru 2017, C-413/14 P**

F'dak li jirrigwarda l-kummerċjalizzazzjoni tal-**prodotti ta' lussu**, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-fornitur ta' dawn il-prodotti jista' jipprojbixxi lid-distributori awtorizzati tiegħu milli jbiegħuhom fuq pjattaforma internet terza bħal ma hija Amazon. Fil-fatt, sabiex jippreżerva l-immaġini ta' lussu tal-prodotti tiegħu, il-fornitur għandu jkun jista' jiddetermina l-kundizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni online tal-beni tiegħu.

→ [sentenza Coty Germany tas-6 ta' Diċembru 2017, C-230/16](#)

Fi Spanja, kongregazzjoni reliġjuża xtaqet tibbenefika mill-**eżenzjonijiet fiskali li tgawdi l-Knisja Kattolika** f'dan il-pajjiż għal xogħlijiet imwettqa f'bini skolastriku li tamministra. Dan il-bini jiġi użat kemm għat-tagħlim obbligatorju, irregolat u ffinanzjat mill-Istat, kif ukoll għat-tagħlim liberu, ipprovdut taħt ħlas. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn l-eżenzjonijiet jistgħu jikkostitwixxu għajna mill-Istat ipprobit u ma jistgħux jiġu applikati għall-attivitàjiet ekonomiċi eżerċitati għall-post inkwistjoni, bħal fost affarijiet oħra s-servizzi ta' tagħlim mogħtija taħt ħlas.

→ [sentenza Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania tas-27 ta' Ġunju 2017, C-74/16](#)

Il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, ikkonfermat il-validità tal-miżuri antidumping u ta' antisussidji għall-**importazzjonijiet ta' pannelli solari li joriġinaw miċ-Ċina**. Dawn il-miżuri kienu ġew adottati mill-Kunsill, għaliex, minn naħa, il-pannelli solari inkwistjoni kienu qed jinbiegħu fl-Ewropa ħafna taħt il-valur normali tas-suq u, min-naħa l-oħra, impriżi Ċiniżi li jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Ewropa kienu qed jirċievu sussidji illegali mill-Istat Ċiniż, u b'hekk kienu qed jippreġudikaw il-produtturi ta' pannelli solari tal-Unjoni.

→ [sentenzi JingAo Solar et vs Il-Kunsill tat-28 ta' Frar 2017, T-157/14 et](#)

F'kawża oħra, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni li biha l-Kummissjoni imponiet multa ta' madwar EUR 15-il miljun fuq il-grupp Icap, li jispeċjalizza fil-medjazzjoni finanzjarja, għall-parteeipazzjoni tiegħu f'**akkordji dwar il-prodotti derivati ta' rati ta' interess f'jen** (l-ammont totali tal-multi imposti fuq il-banek li pparteipaw f'dawn l-akkordji jammonta għal madwar EUR 670 miljun). Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni wettqet żbalji fid-determinazzjoni tal-kwalità u tat-tul tal-parteeipazzjoni ta' Icap fl-akkordji u ma mmotivatx suffiċjentement il-metodoloġija ta' kalkolu tal-multa.

→ [sentenza Icap et vs Il-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2017, T-180/15](#)

Il-Qorti Ġenerali wkoll annullat, minħabba difett proċedurali, id-deċiżjoni li biha l-Kummissjoni rrifjutat il-konċentrazzjoni bejn il-kumpannija Amerikana United Parcel Service (UPS) u l-kumpannija Olandiża TNT Express (TNT) fis-settur tad-distribuzzjoni espressa tal-pakketti żgħar. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma rrispettatx id-drittijiet tad-difiża ta' UPS billi bbażat ruħha fuq analiżi ekonometrika li ma kinitx iddiskutiet matul il-proċedura amministrattiva.

→ [sentenza UPS vs Il-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2017, T-194/13](#)




Fil-qasam tal-ġajnuna mill-Istat, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-obbligu għal Franza li tirkupra l-ġajnuna ta' EUR 220 miljun mogħtija lil Société Nationale Corse-Méditerranée (SNCM) għal ċerti servizzi ta' trasport marittimu pprovduti bejn Marseille u l-Korsika. Il-Qorti Ġenerali b'hekk ivalidat l-analiżi tal-Kummissjoni li qalet li din l-ġajnuna kienet inkompatibbli mas-suq intern.

→ sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni u SNCM vs Il-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2017, T-366/13 u T-454/13

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Landeskreditbank Baden-Württemberg, li hija l-bank ta' investiment u ta' żvilupp tal-Land ta' Bade-Wurtemberg (il-Ġermanja), taqa' taħt **is-sorveljanza tal-Bank Ċentrali Ewropea** (BĊE) u mhux taħt dik tal-awtoritajiet Ġermaniżi. Fil-fatt, peress li l-valur tal-assi ta' dan il-bank jaqbeż EUR 30 biljun, huwa għandu jiġi kkwalfikat bħala «ta' daqs kbir» u b'hekk għandu jkun sottomess għall-kontroll tal-BĊE.

→ sentenza Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE tas-16 ta' Mejju 2017, T-122/15





Il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

Il-proprjetà intellettwali tiġbor id-drittijiet esklużivi kollha mogħtija fuq il-keazzjonijiet intellettwali. Hija tinkludi żewġ fergħat: il-proprjetà industrijali (privattiva, trade mark, disinn, etc.) u d-drittijiet tal-awtur li jipproteġu x-xogħlijiet letterarji u artistiċi. L-Unjoni tħares ir-rispett tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex tħajjar il-kreazzjoni u l-investiment f'xogħlijiet u oqsma ġodda (mużika, filmijiet, xandiriet televiżivi, etc.), u b'hekk tikkontribwixxi għall-kompetitività, għall-impjiegi u għall-innovazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien illeġittimu l-bejgħ ta' **lettur multimedia** li jippermetti li wieħed jara b'xejn u mingħajr diffikultà, fuq it-televiżjoni, filmijiet disponibbli illegalment fuq internet. Huwa wkoll illeġali li wieħed jirriproduċi temporanjament fuq dan il-lettur xogħol protett u mxandar bi "streaming" mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-possessur tad-drittijiet tal-awtur.

→ [sentenza Stichting Brein tas-26 ta' April 2017, C-527/15](#)

Bl-istess mod, **pjattaforma diġitali** li tippermetti lill-utenti jaqsmu u jniżżlu, f'partijiet ("torrents"), xogħlijiet li jinsabu fil-kompjuterijiet tagħhom, tmur kontra d-dritt tal-Unjoni sa fejn hija tagħti aċċess għal xogħlijiet protetti ppubblikati mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-possessuri tad-drittijiet tal-awtur.

→ [sentenza Stichting Brein tal-14 ta' Ġunju 2017, C-610/15](#)

Barra minn hekk, **sistema ta' reġistrazzjoni video mill-bogħod** tal-programmi televiżivi u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-kopji ta' dawn il-programmi maħżuna fi sħaba ("cloud") għandha tiġi awtorizzata mill-possessuri tad-drittijiet tal-awtur, għaliex tikkostitwixxi ritrażmissjoni tal-programmi.

→ [sentenza VCAST tad-29 ta' Novembru 2017, C-265/16](#)



Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li Coca-Cola setgħet topponi r-reġistrazzjoni, bħala trade mark tal-Unjoni, tas-sinjal “Master”, li juża l-istess kitba tagħha għall-kummerċjalizzazzjoni ta’ xorb u ta’ prodotti tal-ikel. Minkejja li s-sinjal “Master” għalissa jintuża biss fis-Sirja u fil-Lvant Nofsani taħt forma analoga għal dik ta’ Coca-Cola, il-Qorti Ġenerali qieset li Coca-Cola setgħet validament tipprova r-riskju ta’ parassitiżmu ekonomiku billi tistabbilixxi li kien probabbli li “Master” jintuża fil-futur bl-istess mod fl-Unjoni Ewropea.



**Sentenza The Coca-Cola Company vs EUIPO tas-7 ta’
Diċembru 2017, T-61/16**



Id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad- data personali

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħti numru dejjem jikber ta' sentenzi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari minn mindu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ħadet saħħa ta' liġi fl-2009. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fl-2017 taw sentenzi importanti fil-kuntest tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u tad-dritt għal smiġħ ta' kawża fi żmien raġjonevoli.

Wara talba għal opinjoni mill-Parlament Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-**ftehim fuq it-trasferiment, it-trattament u l-konservazzjoni tad-data tal-passiġġieri tal-ajru** (ftehim PNR) innegozjat bejn l-Unjoni u l-Kanada ma setax jiġi konkluż għaliex kien inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-Unjoni, b'mod partikolari r-rispett tal-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali.

→ [**opinjoni 1/15 tas-26 ta' Lulju 2017, Ftehim PNR UE-Kanada**](#)

Barra minn hekk, il-kunsens ta' **abbonat telefoniku** għall-pubblikazzjoni tad-data tiegħu jkopri wkoll l-**użu** tiegħu fi Stat Membru ieħor.

→ [**sentenza Tele2 \[il-Pajjiżi l-Baxxi\] et tal-15 ta' Marzu 2017, C-536/15**](#)

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma hemmx dritt li wieħed jintesa għad-data personali li tidher fir-reġistru tal-kumpanniji. Madankollu, fl-iskadenza ta' terminu suffiċjentement twil wara x-xoljiment ta' kumpannija, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu, f'każijiet eċċezzjonali, aċċess għal din id-data limitat għal terzi.

→ [**sentenza Manni tad-9 ta' Marzu 2017, C-398/15**](#)

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali, f'erba' kawżi, ikkundannat lill-Unjoni Ewropea tħallas lil diversi kumpanniji madwar EUR 1.5 miljuni f'danni (minbarra l-interessi kumpensatorji u moratorji) minħabba tul eċċessiv tal-proċedura quddiemha. Il-Qorti Ġenerali rrikonossiet li t-tul eċċessiv tal-proċeduri kkonċernati kienu kkawżaw lill-kumpanniji dannu materjali (ħlas ta' spejjeż ta' garanzija bankarja) u dannu morali (stat ta' inċertezza li fihom sabu lilhom infushom). F'kawża oħra, il-Qorti Ġenerali rrifjutat li tattribwixxi d-danni, peress li t-tul tal-proċedura kien oġġettivament iġġustifikat.

- **sentenzi Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea, tal-10 ta' Jannar 2017, T-577/14;**
- **Aalberts Industries vs L-Unjoni Ewropea, tal-1 ta' Frar 2017, T-725/14;**
 - **Kendrion vs L-Unjoni Ewropea, tal-1 ta' Frar 2017, T-479/14;**
- **ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea, tas-17 ta' Frar 2017, T-40/15,**
- **Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea, tas-7 ta' Ġunju 2017, T-673/15**





Il-ftehimiet internazzjonali

Il-ftehim ta' kummerċ ħieles UE-Singapor huwa wieħed mill-ewwel ftehimiet ta' kummerċ ħieles bilaterali tal-»ġenerazzjoni l-ġdida«. Dan il-ftehim kummerċjali jinkludi, barra mid-dispożizzjonijiet tradizzjonali fuq it-tnaqqis tad-dazji doganali u tal-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi, dispożizzjonijiet f'diversi oqsma marbuta mal-kummerċ, bħall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, l-investimenti, il-kompetizzjoni u l-iżvilupp sostenibbli.

Barra minn hekk, peress li r-reġistrazzjoni ta' proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadin Ewropew intiża li topponi l-partenarjat trans-Atlantiku tal-kummerċ u tal-investiment mal-Istati Uniti (TTIP) u l-ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Kanada (CETA) ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni, l-awturi tal-inizjattiva talbu lill-Qorti Ġenerali tannulla dan ir-rifjut. L-inizjattivi taċ-ċittadin Ewropej jippermettu liċ-ċittadini tal-Unjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, jitolbu lill-Kummissjoni tissottometti proposta ta' att lil-leġislatur tal-Unjoni.

Fuq talba għal opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni li jsir magħruf jekk dan il-ftehim setax jiġi konkluż mill-Unjoni waħdeha jew jekk il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kinitx neċessarja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-ftehimiet il-ġodda ta' kummerċ ħieles ibbażati fuq il-mudell tal-ftehim innegożjat bejn l-Unjoni Ewropea u Singapor ma jistgħux jiġu **konklużi mill-Unjoni** waħdeha, sa fejn żewġ taqsimiet ta' dawn il-ftehimiet (l-investituri barranin li mhux daww diretti u r-riżoluzzjoni ta' tilwimiet bejn investituri u l-Istati) ma jaqgħux taħt il-**kompetenza esklużiva tal-Unjoni** u b'hekk jirrendi l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri neċessarja.

→ opinjoni 2/15 tas-16 ta' Mejju 2017, ftehim ta' kummerċ ħieles ma' Singapor

Il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, annullat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tirreġistra l-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadin Ewropew intiża li topponi t-TTIP u ċ-CETA. Hija fil-fatt iddeċidiet li din il-proposta ma tikkostitwixx indħil inammissibbli taċ-ċittadin fl-iżvolġiment tal-proċedura leġislattiva, imma l-bidu leġittimu ta' dibattitu demokratiku f'ħin xieraq.

→ sentenza Efler et vs Il-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2017, T-754/14



Il-politika barranija u l-miżuri restrittivi

Il-“miżuri restrittivi” huma strument ta’ politika barranija li bihom l-Unjoni tfittex li tinfluwenza bidla fil-politika jew fl-aġir min-naħa ta’ pajjiż terz. Huma jistgħu jieħdu l-forma ta’ embargo ta’ armi, iffriżar ta’ beni, projbizzjoni ta’ dħul jew ta’ tranżitu fit-territorju tal-UE, projbizzjoni ta’ importazzjoni u ta’ esportazzjoni, etc. Huma jistgħu jolqtu l-gvernijiet, il-kumpanniji, il-persuni fiżiċi, kif ukoll gruppi jew organizzazzjonijiet (bħal gruppi terroristiċi).

Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali ttrattaw diversi kawżi dwar miżuri restrittivi b’mod partikolari fil-konfront tal-Afganistan, tal-Bjelorussja, tal-Kosta tal-Ivorju, tal-Eġittu, tal-Iran, tal-Libja, tar-Russja, tas-Sirja, tat-Tuneżija, tal-Ukraina u taż-Żimbabwe.

Fil-kuntest tal-miżuri restrittivi adottati b’risposta għall-kriżi tal-Ukraina, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali kkonfermaw iż-żamma tal-iffiżar ta’ fondi ta’ diversi persuni fiżiċi u ġuridiċi. B’mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-iffiżar ta’ fondi tal-ex president **Viktor Yanukovytych u ta’ ibnu** Oleksander għall-perijodu li jmur mis-6 ta’ Marzu 2015 sas-6 ta’ Marzu 2016.

→ [sentenzi Yanukovych vs Il-Kunsill tad-19 ta’ Ottubru 2017, C-598/16 P u C-599/16 P](#)

Il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, ikkonfermat l-iffiżar ta’ fondi tal-impriża Russa **Almaz-Antey** għar-raġuni li hija tappoġġja l-azzjonijiet li jimminaċċjaw is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina billi tipproduċi armi u tagħmir militari u tipprovdihom lir-Russja, li min-naħa tagħha tgħaddihom lis-separatisti fil-Lvant tal-Ukraina.

→ [sentenza Almaz-Antey Air and Space Defence vs Il-Kunsill tal-25 ta’ Jannar 2017, T-255/15](#)

Dejjem fil-kuntest tal-kriżi tal-Ukraina, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill fil-konfront ta' ċerti **impriżi Russi** bħal **Rosneft** kienu validi għaliex il-Kunsill immotivahom suffiċjentement u, fid-dawl tal-evoluzzjoni progressiva tal-intensità tal-miżuri, l-indiċil fil-libertà ta' impriża u d-dritt għall-proprjetà tal-impriżi kkonċernati ma setax jitqies li huwa sproporzjonat.


→ **sentenza Rosneft tat-28 ta' Marzu 2017, C-72/15**

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Qorti Ġenerali ma kellhiex tannulla ż-żamma ta' **Hamas** fil-lista Ewropea tal-**organizzazzjonijiet terroristi**. Il-Kunsill seta' fil-fatt jibbaża ruħu, matul l-eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni ta' Hamas, fuq sorsi oħra barra d-deċiżjonijiet nazzjonali adottati mill-awtoritajiet kompetenti. Il-kawża ntabgħtet lura lill-Qorti Ġenerali li issa ser ikollha teżamina l-fatti u l-argumenti li fuqhom ma ppronunzjatx ruħha fil-kuntest tas-sentenza tagħha tal-2014.

→ **sentenza Il-Kunsill vs Hamas tas-26 ta' Lulju 2017, C-79/15 P**

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-iffiżar ta' fondi ddikjarat kontra l-kumpanniji **Badica u Kardiam** fil-kawża tad-»djamanti tal-gwerra» Centrafrikani. Il-Kunsill fil-fatt stabbilixxa li kienu ġew esportati, u li kienu ġew sfruttati illegalment, djamanti bi ksur tal-projbizzjoni ta' esportazzjoni prevista mid-dritt internazzjonali. Il-Qorti Ġenerali barra minn hekk irrilevat li billi komplew jixtru djamanti mill-fornituri, Badica u Kardiam neċessarjament ipprovdew sostenn lill-gruppi armati li qed jiġġieldu fir-Repubblika Ċentrafrikana.

→ **sentenza Badica u Kardiam vs Il-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2017, T-619/15**







B IĊ-ĊIFRI BAŻIĊI TAL- ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' prinċipalment tisma' kawżi dwar:

- **talbiet għal domandi preliminari**, meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' att adottat mill-Unjoni jew dwar il-validità tiegħu. Il-qorti nazzjonali tissospendi l-kawża quddiemha u tagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħti r-risposta dwar l-interpretazzjoni t-tajba tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jew dwar il-validità tagħhom. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża quddiemha. Fost il-kawżi li jirrikjedu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, etc.), hemm prevista proċedura preliminari b'urġenza ("PPU");
- **appelli**, mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li huma rimedji ġudizzjarji li bihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tħassar deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;
- **rikorsi diretti**, li jfittxu prinċipalment li:
 - att tal-Unjoni jiġi **annullat** ("rikors għal annullament") jew
 - jiġi kkonstatat li Stat Membru **naqas** taħt id-dritt tal-Unjoni ("rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu"). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas, rikors ieħor, imsejjaħ "rikors għat-tieni nuqqas", jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni ta' flus;
- **talba għal opinjoni** fuq il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni tipproponi li tikkonkludi ma' stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali. Din it-talba tista' titressaq minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea (il-Parlament, il-Kunsill jew il-Kummissjoni).



739 Kawża mressqa

Proċeduri preliminari

533

...li minnhom

8

PPU

Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet:

Il-Ġermanja **149** L-Italja **57** Il-Pajjiżi I-Baxxi **38**
L-Awstrija **31** Franza **25**

46

Rikors dirett

li minnhom

41 rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u

3 rikorsi għat-tieni nuqqas

147

Appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali

1

Opinjoni

12

Talbiet għal għajjnuna legali

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-istanza tista' titlob li tibbenefika mill-għajjnuna legali b'xejn.





699 Kawża magħluqa

447

Proċedura
preliminari

li
minnhom

6

PPU

37

Rikors dirett

li
minnhom

20

nuqqas ikkonstatat kontra
11-il Stat Membru

li
minnhom

1

sentenza għat-
"tieni nuqqas"

Appelli minn deċiżjonijiet tal-
Qorti Ġenerali

198

li
minnhom

34

annullaw id-deċiżjoni
adottata mill-Qorti Ġenerali

3

opinjonijiet

Tul medju tal-kawżi




16.4 xhur

Tul medju tal-proċeduri preliminari
b'urġenza:



2.9 xhur

Oqsma prinċipali ttrattati:



22

Agrikoltura

27

Ambjent

86

Kompetizzjoni u għajjnuna mill-Istat

26

Dritt soċjali

61

Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja

62

Fiskalità

43

Libertà ta' moviment u ta' stabbiliment
u suq intern

60

Proprjetà intellettwali u industrijali

20

Protezzjoni tal-konsumatur

17

Transport

19

Unjoni doganali



IL-QORTI ĠENERALI

Il-Qorti Ġenerali tista' tinalab tisma' kawżi, fl-ewwel istanza, fuq rikorsi diretti **mressqa mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi (kumpanniji, assoċjazzjonijiet, etc)** u mill-**Istati Membri** kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' rikorsi għal kumpens għal danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-persunal tagħhom. Il-parti l-kbira tal-kwistjonijiet hija ta' natura ekonomika: proprjetà intellettuali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni, għajjuna mill-Istat, u sorveljanza bankarja u finanzjarja.

Il-Qorti Ġenerali hija wkoll kompetenti taqta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku fuq tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-persunal tagħha.

Mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jista' jittressaq appell, fuq kwistjonijiet ta' dritt biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.



917-il

Kawża
mressqa

Rikors dirett

807

li minnhom:

298

dwar il-proprjetà intellettuali

86

fil-qasam tas-servizz pubbliku

423

rikors dirett ieħor (inklużi
31 rikors imressaq
mill-Istati Membri)

Talbiet għal għajjuna legali:

56



Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-istanza tista' titlob li tibbenefika mill-għajjuna legali b'xejn.



895 Kawża magħluqa

Rikors dirett

721

li minnhom:

376

dwar il-proprjetà intellettuali u industrijali

66

fil-qasam tas-servizz pubbliku

279

rikors dirett ieħor

40

appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

li minnhom

11

annullaw id-deċiżjoni tat-TSP

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP), imwaqqaf fl-2004, waqqaf l-attività tiegħu, fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, fil-31 ta' Awwissu 2016. Il-kawżi pendenti quddiemu f'din id-data ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali li, mill-1 ta' Settembru, issa hija l-qorti kompetenti li taqta' l-kawżi fuq rikorsi dwar is-servizz pubbliku.

Tul medju tal-kawżi



16,3 xhur

Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja


22 %

Kawżi pendenti:

1 508

(sal-31 ta' Diċembru 2017)

Oqsma prinċipali ttrattati



76

Access għal dokumenti

43

Agrikoltura

12

Ambjent

256

Għajnuna mill-Istat

84

Kompetizzjoni

27

Kuntratti pubbliċi

62

Miżuri restrittivi

116

Politika ekonomika u monetarja

370

Proprjetà intellettuali

187

Regolamenti tal-Persunal



3 Sena ta'
ftuħ u ta'
kuntatti

A

L-AVVENIMENTI IMPORTANTI

Id-djalogu li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żżomm mal-qrati nazzjonali u maċ-ċittadini Ewropej ma jseħx biss matul il-proċeduri ġudizzjarji, imma jiżviluppa kull sena permezz ta' ħafna kuntatti.

F'dan ir-rigward, l-2017 kienet sena mimlija laqgħat u diskussjonijiet, li jgħinu fit-tixrid tad-dritt u tal-ġurisprudenza tal-Unjoni, kif ukoll fil-komprensjoni tagħhom.

27
ta' Marzu

Forum tal-Membri tal-ġudikatura u s-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma



Membri tal-ġudikatura minn diversi qrati tal-Istati Membri jiltaqgħu kull sena fl-okkażjoni tal-Forum organizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jaqsmu fehmithom fuq varji suġġetti tad-dritt tal-Unjoni. Dan l-avveniment ifittex li jsaħħaħ id-djalogu ġudizzjarju li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm mal-imħallfin nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tad-domandi preliminari, imma wkoll sabiex jippromwovu t-tixrid u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-imħallfin nazzjonali huma l-ewwel persuni li huma mistennija japplikawh għall-kwistjonijiet li jkollhom jaqtgħu.

Din is-sena, il-Forum tal-Membri tal-ġudikatura ġie organizzat fil-kuntest tas-60 sena tal-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma. Sabiex tiċċelebra dan l-avveniment,

il-Qorti tal-Ġustizzja tistieden lill-presidenti kollha tal-qrati kostituzzjonali u supremi nazzjonali (kemm jekk huma ta' natura ċivili, kriminali, amministrattiva jew kostituzzjonali), li minnhom 70 irrispondew pożittivament. L-għan huwa li tiġi żviluppata ġustizzja f'network li twassal għall-istabbiliment ta' spazju ġudizzjarju Ewropew konkret filwaqt li tiġi enfasizzata d-dimensjoni storika ta' din il-koooperazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja mal-qrati nazzjonali, li rat il-kontribut sostanzjali tal-qrati supremi nazzjonali.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta u tippubblika fis-sit internet tagħha Dikjarazzjoni li fiha tixhed id-dawl solennement l-imsemmija kooperazzjoni.



Il-parteċipanti tal-Forum tal-Membri tal-Ġudikatura 2017

Dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni tal-Forum tal-membri tal-Ġudikatura li jlaqqa' l-Presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri sabiex jiġi ċelebrat is-60 anniversarju tal-iffirmar tat-Tratti ta' Ruma

L-Unjoni Ewropea tikkostitwixxi Unjoni ta' dritt li mhux biss għaddiet minn tkabbir iżda wkoll minn approfondiment minn meta ġew iffirmati t-Trattati ta' Ruma.

Is-60 anniversarju ta' dak l-iffirmar joffri l-okkażjoni biex tiġi enfasizzata l-importanza tad-djalogu, kostantement imġedded, bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-qrati nazzjonali, fir-rispett tal-kulturi u s-sistemi legali speċifiċi tagħhom u tal-lingwi li fihom jesprimu ruħhom.

F'dan l-ispirtu, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea laqgħet fil-Lussemburgu l-Presidenti tal-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri sabiex jiġi approfondit in-network ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, prova ta' kif żviluppa verament spazju ġuridiku Ewropew.

Hija trid tenfasizza r-rwol essenzjali tan-network ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea kompost mill-qrati nazzjonali u mill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-iżvilupp u r-rispett tad-drittijiet fundamentali kif ukoll tal-valuri ta' demokrazija u tal-Istat ta' dritt li fuqhom hija bbażata l-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'kooperazzjoni stretta mal-qrati nazzjonali, ser tkompli twettaq il-missjoni fdata lilha mit-Trattati li tiżgura l-osservanza tad-dritt minn kulħadd u għal kulħadd u, bis-saħħa ta' dan, li tiggarantixxi l-valuri komuni taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

31 ta' Marzu

Finali tal-
"European
Law Moot
Court
Competition"

Il-European Law Moot Court Competition, li ilha tiġi organizzata għal dawn l-aħħar 30 sena mill-European Law Moot Court Society, hija kompetizzjoni ta' dibattiti legali li għandha l-għan li xxerred l-għarfien tad-dritt tal-Unjoni fost l-istudenti tal-liġi. Hija meqjusa bħala waħda mill-iktar kompetizzjonijiet prestiġjużi fid-dinja, u l-finali tinżamm kull sena fil-Qorti tal-Ġustizzja, fejn it-timijiet komposti minn studenti mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni, iżda anki

mill-Istati Uniti, jikkompetu ma' xulxin f'dibattiti legali li jinżammu quddiem bordijiet komposti mill-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Ir-rebbieħa tal-edizzjoni 2017 hija s-**City University** ta' Londra, filwaqt li l-premijijiet ta' "L-Aħjar Avukat Ġenerali" u ta' "L-aħjar aġent tal-Kummissjoni" ingħataw rispettivament lil Julie Benedetti, tal-École **HEC ta' Pariġi** (Franza) u lil Mikoláš Ružek, tal-**Università ta' Helsinki** (il-Finlandja).



15 sat- 22 ta' April

Il-
Luxembourg
Forum 2017



Sa mill-1998, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-**Qorti Suprema tal-Istati Uniti** jiltaqgħu perjodikament, kemm fil-Lussemburgu, kif ukoll fl-Istati Uniti, sabiex ikomplu d-djalogu tagħhom mibdi għoxrin sena ilu. Dawn l-iskambji kienu ġew ifformalizzati fl-2012 bil-ħolqien tal-"Luxembourg Forum". L-edizzjoni tal-2017 ta' dan il-forum inżamm fl-Istati Uniti, taħt il-patroċinju tal-Qorti Suprema,

tal-*University of Michigan* u tal-*American University*. Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, komposta mill-president u minn ħdax-il membru, marret Ann Arbor (Michigan) u wara Washington D.C. sabiex tipparteċipa f'serje ta' żjarat, ta' sessjonijiet ta' xogħol, u ta' diskussjonijiet mal-omologi Amerikani tagħhom. Il-Luxembourg Forum li jmiss ser jinżamm fl-2020 fil-Lussemburgu.

14

ta' Mejju

Ġurnata
"bibien
miftuħa" tal-
istituzzjoni

Fl-okkażjoni tal-Ġurnata tal-Ewropa, li tiġi ċċelebrata fid-9 ta' Mejju fl-Istati Membri kollha sabiex tfakkar id-diskors mogħti mill-Ministru Franċiż Robert Schuman fis-9 ta' Mejju 1950, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea torganizza ġurnata "bibien miftuħa". L-avveniment jara l-parteeipazzjoni attiva ta' iktar minn 150 uffiċjal volontarju tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jilqa', jinforma u jiggwida lill-viżitaturi, f'dawra bi spjegazzjoni, f'ambjent konvivjali. Din il-ġurnata tippermetti liċ-ċittadini jiskopru l-istituzzjoni, il-missjoni tagħha u kif taħdem, kif ukoll l-arkitettura u l-opri tal-arti msellfa mill-Istati Membri li hija tilqa' u li jkattru l-wiri tat-tradizzjonijiet artistiċi u kulturali Ewropej. Din is-sena, il-Qorti tal-Ġustizzja ġibdet iktar minn **3 600 viżitatur**.



11

ta'
Settembru

L-ewwel
laqgħa tan-
Network
ġudizzjarju
tal-Unjoni
Ewropea

Wara l-Forum tal-Membri tal-ġudikatura, il-president tal-Qorti tal-Ġustizzja stieden lill-presidenti tal-qorti kostituzzjonali u supremi jipparteċipaw fil-ħolqien tan-"Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea" (RJUE), li jfittex li jsaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex itejjeb il-kwalità tal-ġustizzja Ewropea. B'dan il-mod, l-ewwel laqgħa tar-RJUE nżammet fi ħdan il-ħitan tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżenza tal-korrispondenti tan-network minn 60 qorti

kostituzzjonali u suprema tal-Istati Membri. F'din l-okkażjoni, il-parteeipanti ħadmu fuq il-modalitajiet ta' skambju fi ħdan in-network.

In-network ser jiffavorixxi l-konnoxxenza reċiproka tad-dritt u tal-ġurisprudenza tal-Istati Membri, u ser jippermetti wkoll li jkabbar id-djalogu preliminari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-imħallfin nazzjonali.



Żjarat uffiċjali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea



Fil-kuntest tar-relazzjonijiet istituzzjonali kostanti li jeżistu bejn il-Qorti tal-Ġustizzja, l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra, il-qradi internazzjonali u l-istituzzjonijiet u l-qradi tal-Istati Membri tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet fl-2017 delegazzjoni tal-kummissjoni tal-affarijiet ġuridiċi tal-Parlament Ewropew, l-E.T. Zeid Ra'ad Al Hussein, kummissarju għoli għad-drittijiet tal-bnedmin tan-Nazzjonijiet Uniti, membri tal-qradi supremi tal-pajjiżi AEKH "Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummeċ Fieles" (Iżlanda, Norveġja u Liechtenstein), tad-delegazzjonijiet tal-Bundesverfassungsgericht u tal-Bundesfinanzhof tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-prokuratur ġenerali flimkien ma' delegazzjoni ta' prokuraturi prosekuturi fil-Qorti Għolja ta' Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tar-Rumanija, delegazzjonijiet tal-Qorti Amministrattiva tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tal-Qorti tal-Appell ta' Karlsruhe, Liège u Colmar (Kalico) u tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura tar-Repubblika Taljana. Hija laqgħet barra min hekk delegazzjoni tal-Unterausschuss Europarecht des Rechtsausschusses tal-Bundestag Ġermaniż.

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ukoll iż-żjara ta' diversi personalitajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-E.T. Louis-Alkiviadis Abatis, ambaxxatur tar-Repubblika Ellenika fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu, The Rt Hon. The Baroness Anelay of St Johns, Ministru tal-Istat (Department for Exiting the European Union), Geert Bourgeois, ministru-president tal-gvern Fjamming, Antti Häkkinen, ministru tal-ġustizzja tal-Finlandja, Jan Jambon, viċi prim ministru kif ukoll Philippe De Backer, Théo Francken u Zuhail Demir, segretarji tal-istat tal-gvern federali tal-Belġju, u Lucia Puttrich, ministru għall-affarijiet federali u Ewropej tal-Land ta' Hesse.



B / IĊ-ĊIFRI BAŻIĊI

Djalogu kostanti mal-professjonisti tad-dritt

- Jinżamm id-djalogu ġudizzjarju ma' ġudikanti nazzjonali

Intlaqgħu iktar minn

2 300

ġudikant
nazzjonali

- laqgħa tal-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest tal-Forum annwali tal-Membri tal-ġudikatura jew fil-kuntest ta' stage ta' 6 jew 10 xhur fi ħdan kabinett ta' Membru
- seminars organizzati fil-Qorti tal-Ġustizzja
- informazzjoni għall-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest ta' assoċjazzjonijiet jew ta' networks ġudizzjarji Ewropej
- parteċipazzjonijiet fil-ftuħ tas-sena forensi tal-qrati nazzjonali supremi u superjuri, u laqgħat mal-Presidenti jew il-Viċi Presidenti tal-qrati supremi Ewropej

- azzjoni favur l-applikazzjoni u l-komprensjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-professjonisti tad-dritt

673



grupp ta' viżitaturi

li jingħataw preżentazzjoni fuq is-seduti li jattendu jew fuq kif jaħdmu l-qrati

li minnhom

219



grupp ta' professjonisti tad-dritt

jiġifieri **3 805** persuni

297



staġista
tal-liġi bħala parti mill-kors
tagħhom

449



utent
estern

li jinkludi studenti, riċerkaturi,
professuri li wettqu riċerki
fil-biblijoteka tal-istituzzjoni

Djalogu msaħħaħ maċ-ċittadini Ewropej



19 874

viżitatur

li minnhom

3 627

matul
il-ġurnata
“bibien
miftuħa”



146

stqarrija għall-istampa

total ta’

1 762

verżjoni
lingwistika

Kull stqarrija għall-istampa
tiġi tradotta f’diversi lingwi
sabiex tiffaċilita x-xogħol
tal-ġurnalisti fl-Istati Membri. Dawn
l-istqarrijiet huma disponibbli fis-sit
curia.europa.eu



350

tweet mibgħuta mill-
kont Twitter tal-Qorti
tal-Ġustizzja,

li għandu

42 000

“segwaċi”



120

talba għal aċċess
għal dokumenti
amministrattivi u għall-
arkivji storiċi tal-istituzzjoni

Madwar

28 000

talba għal informazzjoni fis-sena



Djalogu uffiċjali u istituzzjonali regolari



26

żjara uffiċjali



10

żjarat ta’ korteżija
ta’ personalitajiet mill-
Istati Membri jew minn
organizzazzjonijiet
internazzjonali



5

udjenzi solenni





Alfredo
CALOT ESCOBAR
Reġistratur

Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa s-segretarju ġenerali tal-istituzzjoni, imexxi d-dipartimenti amministrattivi taħt l-awtorità tal-President. Huwa jixhed dwar l-impenn tad-dipartimenti li jagħtu sostenn lill-attività ġudizzjarja.

AMMINISTRAZZJONI FUNZJONALI, MODERNA U MULTILINGWI

Matul is-sena 2017, id-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea wettqu fis-seħħ ir-riforma tal-istituzzjoni li wasslet għat-tneħħija tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u għat-tranżizzjoni progressiva lejn żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru fil-Qorti Ġenerali. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ma bbenefikatx minn riżorsi supplimentari u anzi kellha tnaqqas il-persunal tagħha matul perijodu ta' ħames snin, fil-kuntest tal-eżerċizzju tar-restituzzjoni tal-impjiegi imposta mill-awtoritajiet baġitarji fl-2013.

F'dan il-kuntest, id-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja wettqu sforzi kbar sabiex jaffaċċjaw l-isfidi marbuta maż-żieda fl-attività u l-produttività tal-qrati.

Dawn l-isforzi b'mod partikolari wasslu għal tiftix ta' sinerġiji, kooperazzjonijiet u koordinamenti li jistgħu jippromwovu użu effiċjenti tar-riżorsi – riżorsi li l-istituzzjoni hija marbuta li tagħti kont tagħhom fil-kuntest tal-verifiki li tkun suġġetta għalihom (b'mod partikolari fil-kuntest tan-negozjat baġitarju u tal-proċedura ta' kontroll kif ukoll tal-politika ta' ftuħ imfittxija).

Fost dawn il-kontrolli, il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea eżaminat fl-2017 il-ħidma tal-qrati tal-UE fil-qasam tal-ġestjoni tal-kawżi. Fil-kuntest ta' dan l-eżami u għal dak li jirrigwarda l-attività amministrattiva tal-istituzzjoni, il-Qorti tal-Awdituri enfasizzat l-implimentazzjoni tajba tal-missjoni tad-dipartiment tat-traduzzjoni fil-qrati (osservanza tat-termini) u inkoraġġiet it-tfittxija tal-integrazzjoni tal-applikazzjonijiet u tal-modernizzazzjoni tas-sistemi informatiċi.

Dan l-adattament jidħol mal-għanijiet ta' effiċjenza u ta' kwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tfittx fl-osservanza tal-multilingwiżmu, li t-tħaris tiegħu huwa fundamentali għaliha.

Fil-kuntest tat-tfittxija ta' dawn l-għanijiet, ġiet adottata organizzazzjoni ġdida tal-attività amministrattiva fix-xahar ta' Settembru 2017 sabiex id-dipartimenti jinġabru madwar tliet oqsma bit-tir li x-xogħol jiġi kkonsolidat u titjieblu l-kwalità. B'dan il-mod, id-direttorat ġenerali tal-amministrazzjoni jiġbor id-diviżjonijiet li jagħtu sostenn fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, tar-riżorsi finanzjarji, tal-bini u tat-tagħmir. L-importanza u l-uniċità tad-dipartimenti lingwistiċi wasslu għall-ħolqien tad-direttorat ġenerali tal-multilingwiżmu, li jiġbor fih id-dipartimenti tal-interpretazzjoni



u tat-traduzzjoni. Fl-aħħar nett, id-direttorat ġenerali tal-informazzjoni, fl-aspetti differenti li għandu dan il-kunċett għal istituzzjoni ġudizzjarja Ewropea, issa jinkludi fi ħdanu d-dipartiment informatiku, id-dipartiment tal-komunikazzjoni u d-dipartiment responsabbli għall-ġestjoni tad-dokumenti u tal-arkivji bilblijotekarji.

F'kuntest ta' razjonalizzazzjoni bħal din, il-ġestjoni tar-riżorsi umani tiegħu importanza kbira. F'dan il-qasam, ingħatat attenzjoni partikolari għall-aċċess tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà b'mod li r-rappreżentanza tagħhom fi ħdan il-pożizzjonijiet ta' tmexxija tiġi mħarsa.

Id-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja bi ħsiebhom barra minn hekk jipparteċipaw fit-tweqqif ta' ċertu numru ta' networks intiżi li jiksibu l-ikbar benefiċċju minn taqsim ta' servizzi, ta' perizji u ta' kompetenzi li hemm fi ħdan l-Istati Membri u fl-istituzzjoni. B'dan il-mod, huma żviluppaw, wara l-laqgħa tal-presidenti tal-qrati konstituzzjonali u supremi tal-Istati Membri mistiedna biex jiċċelebraw f'Marzu 2017 is-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma, pjattaforma ta' dialogu intiża li tippromwovi l-iżvilupp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja trid tibbaża ruġha fuq il-kompetenzi bilblijotekarji speċjalizzati fil-qasam ġuridiku sabiex tevolve s-servizzi interni u esterni tal-biblijoteka tagħha. Fl-aħħar nett, id-dipartiment tal-istampa u tal-informazzjoni beda jipparteċipa f'network ta' korrispondenti speċjalizzati fil-qasam tal-komunikazzjoni ġudizzjarja.

Huwa f'dan l-ispiritu ta' tfittxija tal-kwalità, ibbażat b'mod partikolari fuq il-parteċipazzjoni ta' organi u ta' esperti kompetenti tal-Istati Membri, li l-Qorti tal-Ġustizzja trid tkompli l-kontribut tagħha għall-proġett Ewropew li tiegħu hija bla dubju waħda mill-protagonisti prinċipali.

Alfredo
CALOT ESCOBAR
Reġistratur

B / ĊIFRI U PROĠETTI



Istituzzjoni favur l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa

Ir-rappreżentanza tan-nisa fil-pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi ħdan l-amministrazzjoni tqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'pożizzjoni oġġla mill-medja tal-istituzzjonijiet Ewropej. Madankollu, tnediet riflessjoni fl-2015 fost in-nisa li jinsabu f'pożizzjoni ta' tmexxija, sabiex jinstabu miżuri li jkunu jistgħu jħajru kandidaturi ta' nisa għall-pożizzjonijiet ta' amministraturi u sabiex tissaħħaħ b'mod permanenti l-preżenza tagħhom fil-livelli kollha ta' tmexxija.

Rappreżentanza tan-nisa

649 pożizzjoni ta' amministratur **53 %**

27 pożizzjoni ta' tmexxija **36 %**

20 pożizzjoni ta' tmexxija intermedja **36 %**

7 pożizzjonijiet ta' tmexxija superjuri **37 %**

2 174

uffiċjal u membru tal-persunal
fil-31 ta' Diċembru 2017



850
Raġel
40 %




1 324
Mara
60 %




Why does the Court of Justice of the European Union...

**“Spjegazzjoni
liċ-ċittadini dwar
kif il-ġurisprudenza
tal-Qorti tal-Ġustizzja
tbiddlihom haġġithom.”**



028 / 135



Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq YouTube

Kull qorti moderna għandha tispjega b'mod effikaċi l-missjoni tagħha lill-persuni li jkunu parti fil-kawża. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tirrikorri għal diversi mezzi, fosthom in-netwerks soċjali li, bħal ma huwa YouTube, qed jintużaw iktar u iktar miċ-ċittadini.

Sabiex tindirizza lill-pubbliku li ġeneralment f'tit jiffamiljarizza ruħu mad-dritt, il-Qorti tal-Ġustizzja wettqet diversi animazzjonijiet ta' 2 sa 3 minuti. Dawn l-animazzjonijiet, mgħammra b' infografiji u li huma spjegati bi kliem sempliċi minn narratur, jippreżentaw kontenut qasir u li jinfthiem faċilment. L-għan huwa li jiġi spjegat liċ-ċittadini kif il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi sabiex tibdel il-ħajja ta' kuljum tagħhom.

L-ewwel animazzjonijiet ippubblikati fl-2017 fuq YouTube jikkellmu fuq it-temi li ġejjin:

- *Għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea teżisti?*
- *Kif taħdem?*
- *X'taġħmel il-Qorti tal-Ġustizzja għalina?*
- *Kif iħarsu d-drittijiet tiegħi l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali?*

L-animazzjonijiet huma kkonċepiti u adattati għall-iskrinijiet ta' smartphones, ta' ipads, imma wkoll fuq skrinijiet ta' daqs kbir. Huma għaldaqstant jikkostitwixxu sostenn attraenti għal preżentazzjonijiet jew korsijiet.

Il-proġett, mibdi fl-2016 u mwettaq fl-2017, ser ikompli fl-2018 b'suġġetti ġodda li dejjem iduru mal-interessi ta-ċittadini.

Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ilha ssegwi għal diversi snin politika ambjentali ambizzjuża, intiża li tissodisfa r-regoli l-iktar eżiġenti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-preżervazzjoni tal-ambjent.

It-tmexxija tal-proġetti immobijari tal-istituzzjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' kuljum tal-għodda mqegħda għad-dispożizzjoni tagħha huma rregolati minn din ix-xewqa kostanti ta' rispett tal-ambjent, kif tixhed il-kisba tar-reġistrazzjoni EMAS (Eco-Management and Audit Scheme) fil-15 ta' Diċembru 2016.


Iċ-ċertifikazzjoni EMAS, imwaqqfa minn regolament Ewropew u mogħtija lil organizzazzjonijiet li jissodisfaw rekwiżiti stretti marbuta mal-politika ambjentali tagħhom u mal-isforzi tagħhom favur il-preżervazzjoni tal-ambjent u tal-iżvilupp sostenibbli, hija b'hekk rikonoxximent ekoloġiku qawwi tal-impenn ambjentali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-prestazzjonijiet ambjentali għolja miksuba.

Din iċ-ċertifikazzjoni twassal għal riżultati konkreti fil-forma ta' proġetti ambjentali li l-impatt tagħhom mhux limitat għall-istituzzjoni tagħna, b'mod partikolari fil-qasam tal-mobbiltà.

B'dan il-mod, bejn ix-xhur ta' Mejju u ta' Lulju, il-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja pparteċipa fl-inizzjattiva tal-Istat Lussemburgiż bl-isem «**Mam vélo op d'Schaff**» (bil-Malti: «għax-xogħol bir-rota»), kampanja tal-assoċjazzjoni tat-trasport Lussemburgiża (Verkéiersverbond) intiża li tissensibilizza liċ-ċittadini għal modi ta' trasport rotob u b'mod partikolari għall-użu tar-rota. Permezz tal-parteeipazzjoni kbira tal-persunal, ġew ivvjagġati iktar minn 33 000 km, li tfisser li ġew iffrankati madwar 6 tunnelli ta' emissjonijiet CO². Il-Qorti tal-Ġustizzja b'dan il-mod ingħatat, mis-segretarju tal-Istat għall-iżvilupp sostenibbli u għall-infrastruturi tal-ġvern Lussemburgiż, it-tieni premju taċ-«challenge entreprises».

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tirriżerva 51 post ġdid għar-roti fil-kuntest tal-bini tat-tielet torri.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja issa ilha tipparteċipa għal numru ta' snin fil-**Ġimgħa Ewropea tal-mobbiltà** sabiex tissensibilizza lil-persunal tagħha għall-vantaġġi ambjentali tar-rotot ta' kuljum.







IL-MULTILINGWIŻMU, VALUR FUNDATUR TAL-UNJONI EWROPEA

Filwaqt li ssegwi l-għan fundamentali tagħha li huwa dak li toffri ġustizzja ta' kwalità, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħti importanza kbira għall-multilingwiżmu bħala valur fundatur tal-Unjoni Ewropea.

L-osservanza tal-multilingwiżmu integrali hija sfida oħra li l-istituzzjoni għandha taffaċċja permanentement. Is-sistema lingwistika tal-istituzzjoni fil-fatt ma għandha ebda ekwivalent f'qorti oħra fid-dinja, għaliex kull waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni tista' tkun lingwa tal-kawża. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija b'hekk marbuta li tikkomunika mal-partijiet fil-lingwa tal-proċedura u li tiżgura t-tixrid tal-ġurisprudenza tagħha fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Hija għandha tiġġestixxi 552 kombinazzjoni lingwistika għal iktar minn miljun paġna tradotta fis-sena u madwar 700 seduta u laqgħa li kull sena jkollhom l-interpretazzjoni simultanja.

Sabiex jiġi ppreżervat il-valur kardinali tal-multilingwiżmu, li huwa parti essenzjali tal-Ewropa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, mill-1 ta' Jannar 2018, li tirriorganizza d-dipartimenti lingwistiċi tagħha. B'dan il-mod inħoloq id-direttorat ġenerali tal-multilingwiżmu, kompost mid-dipartimenti tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni legali. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija l-ewwel waħda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea b'direttorat ġenerali bħal dan bil-missjoni li jamministra iktar effikaċement l-isfidi u d-diffikultajiet marbuta mal-multilingwiżmu. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja trid tqiegħed l-enfasi fuq il-fatt li l-multilingwiżmu huwa fattur ta' rikkezza kontinwa konformement mal-espressjoni tal-Unjoni li hija dik li nibqgħu «uniti fid-diversità» – inkluża d-diversità lingwistika. Fil-kuntest tal-promozzjoni tal-multilingwiżmu, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tiċċelebra fl-2018 l-40 sena tal-eżistenza tad-dipartiment tal-interpretazzjoni tagħha, kif ukoll is-60 anniversarju tar-Regolament Nru 1 fuq is-sistema lingwistika tal-UE.



6 / **ibqgħu**
konnessi !

Idħol fil-portal ta' tiftix tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali permezz tas-sit Curia



curia.europa.eu

Segwi l-attwalità tas-sentenzi u dik istituzzjonali:



- billi tikkonsulta l-**istqarrijiet għall-istampa**, fl-indirizz: curia.europa.eu/jcms/PressRelease
- billi tabbona fl-**RSS feed** tal-Qorti tal-Ġustizzja: curia.europa.eu/jcms/RSS
- billi ssegwi l-**kont Twitter** tal-istituzzjoni: @CourUEPresse jew @EUCourtPress
- billi tniżżel l-**App CVRIA** għal smartphones u lpads

Sabiex issir taf iktar fuq l-attività tal-istituzzjoni:



- ikkonsulta l-paġna dwar ir-**rapport annwali 2017**: curia.europa.eu/jcms/AnnualReport
 - Panorama tas-sena
 - Rapport fuq l-attività ġudizzjarja
 - Rapport ta' ġestjoni
- ara l-animazzjonijiet fuq **YouTube**

Idħol fid-dokumenti tal-istituzzjoni:



- l-**arkivji storiċi**: curia.europa.eu/jcms/archive
- id-**dokumenti amministrattivi**: curia.europa.eu/jcms/documents

Żur is-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:



L-istituzzjoni toffri lil dawk interessati programmi ta' żjarat apposta għal kull grupp (attendenza f'seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tal-opri tal-arti, żjara ta' studju):

curia.europa.eu/jcms/visits

Għal kull informazzjoni dwar l-istituzzjoni:



- Iktbilna permezz tal-**formula ta' kuntatt**: curia.europa.eu/jcms/contact



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
L-2925 LUXEMBOURG
LUXEMBOURG
TEL. +352 4303-1

IL-QORTI ĠENERALI
L-2925 LUXEMBOURG
LUXEMBOURG
TEL. +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-internet: <http://www.curia.europa.eu>

Printed by Imprimerie Centrale in Luxembourg.

Test miktub fi Frar 2018

La l-istituzzjoni u lanqas kull persuna li tagħxix f' isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn isfel.

Il-Lussemburgu: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea / Direktorat Ġenerali tal-Infurmazzjoni /
Direzzjoni tal-Komunikazzjoni – Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi Elettroniċi /
Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

© Unjoni Ewropea, 2018

Ritratti © Georges Fessy

Ritratti © Gediminas Karbauskis

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea mhijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

Print	ISBN 978-92-829-2713-7	ISSN 2467-1460	doi:10.2862/739868	QD-AQ-18-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-829-2714-4	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/547261	QD-AQ-18-001-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-829-2766-3	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/4919	QD-AQ-18-001-MT-E



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

DIREZZJONI TAL-KOMUNIKAZZJONI
DIVIŻJONI TAL-PUBBLIKAZZJONIJET U TAL-MEZZI ELETTRONIĊI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-829-2714-4